

32002R0076

18.1.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 16/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 76/2002**tas-17 ta' Jannar 2002****li jdaħħal sorveljanza Komunitarja minn qabel fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-ħadid u l-azzar koperti bit-Trattati tal-KEFA u tal-KE li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3285/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 518/94 ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2474/2000 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 519/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 1765/82, (KEE) Nru 1766/82 u (KEE) Nru 3420/83 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendati bir-Regolament (KE) Nru 1138/98 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Il-konsultazzjonijiet saru ġewwa l-kumitati stabbiliti skond ir-Regolamenti riferiti hawn fuq,

Billi:

- (1) Skond ir-Regolamenti (KE) Nru 3285/94 u (KE) Nru 519/94 il-prodotti koperti bit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar huma bla ħsara għar-regoli komuni dwar l-importazzjonijiet, u huwa għalhekk meħtieġ illi jiġu adottati l-arranġamenti għas-sorveljana Komunitarja rigward il-prodotti tal-KEFA skond dawn ir-Regolamenti.
- (2) Is-sitwazzjoni fis-suq ta' l-azzar ħżienet b'mod konsiderevoli fis-sena 2001 taħt l-impatt magħqud ta' numru ta' fatturi, l-ewliena fosthom il-waqgħa mmarkata fl-ekonomija dinjija evidenti mill-bidu tas-sena u r-reċessjoni li bdiet taf-fettwa wħud mill-ekonomiji, inkluża dik ta' l-Istati Uniti, fl-aħħar nofs tas-sena.
- (3) Is-suq ta' l-azzar ma kienx stabbli wkoll minħabba l-inċertezza u l-ilqugħ għat-telf ikkawżati mill-possibbiltà ta' restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet fis-suq ta' l-Istati Uniti wara l-investigazzjoni ta' salvagward "Taqsim 201" ta' l-amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti.

(4) Jekk ir-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet jiġu attwalment applikati fis-suq ta' l-Istati Uniti, x'aktarx li jikkawżaw ċaqliqiet maġġuri fl-istruttura tal-kummerċ internazzjonali, u b'mod partikolari l-bdil tad-direzzjoni tal-kummerċ lejn is-suq Komunitarju. Din il-liwja tista' tagħmel ħsara serja lill-industrija Komunitarja ta' l-azzar.

(5) L-indikaturi Komunitarji disponibbli u l-estimi għas-sena 2001 juru ix-xejriet li ġejjin:

(A) Il-Produzzjoni. Il-produzzjoni fil-Komunità ta' l-azzar mhux maħdum fis-sena 2001 hija mistennija li tlaħħaq il-159 miljun tunnellata metrika. Dan l-estmu huwa mhux biss 2,5 % iktar baxx mill-produzzjoni fis-sena 2000 (163 miljun tunnellata metrika), imma huwa iktar baxx ukoll mil-livelli rreġistrati fis-sena 1997 (159,4 miljun tunnellata metrika) u fis-sena 1998 (159,7 miljun tunnellata metrika).

(B) L-Importazzjonijiet. L-importazzjonijiet tal-prodotti tal-ħadid u l-azzar tal-KEFA ġewwa l-Komunità mill-pajjiżi terzi kollha sejr in jissoktaw bl-istess b'mod apprezzabbli bħal fis-sena 2000, għal madwar 25 miljun tunnellata metrika. Bħala paragon, l-importazzjonijiet Komunitarji għal dawn il-prodotti laħqu t-total ta' 12,2 miljun tunnellata metrika fis-sena 1996. Dan ifisser illi l-importazzjonijiet Komunitarji ta' l-azzar iktar minn irdupjaw fl-aħħar ħames snin.

(Ċ) L-Esportazzjonijiet. Fl-livell probabbli ta' madwar 21 miljun tunnellata metrika, l-esportazzjonijiet Komunitarji tal-prodotti tal-ħadid u l-azzar tal-KEFA fis-sena 2001 huma madwar 8 % iktar baxxi mis-sena ta' qabel. Bħala paragon, l-esportazzjonijiet Komunitarji għal dawn il-prodotti ammontaw għal 28 miljun tunnellata metrika fis-sena 1996. L-esportazzjonijiet Komunitarji lejn l-Istati Uniti u l-Kanada ntlawq severament b'mod partikolari, billi waqgħu għal 36 % u 32 % rispettivament. Din ix-xejra trid teħżien fis-sena 2002 jekk jid-daħħlu r-restrizzjonijiet fis-suq ta' l-Istati Uniti. Għas-sena 2001 kollha, il-Komunità hija mistennija li tkun importatur nett tal-prodotti tal-ħadid u ta' l-azzar, b'defiċit kummerċjali li jaqbeż l-4 miljun tunnellata metrika. Fis-sena 1996, il-Komunità rreġistrat eċċess kummerċjali fl-ordni ta' 15,8 miljun tunnellata metrika.

(D) Il-Prezzijiet. il-prezzijiet tal-prodotti tal-ħadid u l-azzar fis-sena 2001 kienu 18 % iktar baxxi fil-medja mis-sena 2000.

⁽¹⁾ ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 53.

⁽²⁾ ĠU L 286, tal-11.11.2000, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 67, ta' l-10.3.1994, p. 89.

⁽⁴⁾ ĠU L 159, tat-3.06.98, p. 1.

- (6) Ġaladarba l-iskop ta' l-investigazzjoni tas-salvagward tat-Taqsim 201 tinkludi l-pajpijiet u t-tubi, ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà ta' restrizzjonijiet mill-Istati Uniti fuq dawn il-podotti. Is-sorveljanza minn qabel għandha għalhekk tiġi estiża għall-pajpijiet u t-tubi.
- (7) L-istatistiċi Komunitarji dwar il-kummerċ barrani ma jkun disponibbli fil-perjodi taż-żmien stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1917/2000 ⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament 1669/2001 ⁽²⁾.
- (8) L-interessi Komunitarji jeħtieġu illi l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħadid u ta' l-azzar għandhom ikun bla ħsara għas-sorveljanza Komunitarja minn qabel sabiex jiġi pprovdut it-tagħrif statistiku li jippermetti analiżi mħaffa tax-xejriet ta' l-importazzjonijiet.
- (9) It-tlestija tas-suq intern teħtieġ illi l-formalitajiet li jridu jiġu mwettqa mill-importaturi Komunitarji jkunu identiċi kulfejn l-oġġetti jistgħu jiġu kklerjati.
- (10) Ir-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament għandhom jintgħamlu bla ħsara għal dokument tas-sorveljana li jilħaq kriterji uniformi.
- (11) Dan id-dokument għandu, fuq applikazzjoni sempliċi mill-importatur, ikun endorsjat mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri ġewwa ċertu perjodu taż-żmien imma mingħajr ma l-importatur b'hekk jakkwista dritt għall-importazzjoni. Id-dokument għandu għalhekk ikun validu biss sakemm jibqgħu bla mibdula r-regoli ta' l-importazzjoni.
- (12) Id-dokumenti tas-sorveljanza maħruġa bil-għanijiet tas-sorveljanza Komunitarja jridu jkun validi ġewwa l-Komunità kollha, mingħajr ma jingħata kas ta' l-Istat Membru tal-ħruġ.
- (13) L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiskambjaw fis-sħiħ kemm jista' jkun it-tagħrif li jirriżulta mis-sorveljana Komunitarja.
- (14) Il-ħruġ tad-dokumenti tas-sorveljanza, filwaqt li bla ħsara għall-kondizzjonijiet *standard* fil-livell Komunitarju, irid ikun ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet nazzjonali.
- (15) Għandu jingħad mill-ġdid illi għal ċerti prodotti tal-ħadid u l-azzar il-ħruġ ta' dokument tas-sorveljanza huwa bla ħsara għall-preżentazzjoni ta' dokument ta' l-esportazzjoni skond l-arranġamenti stabbiliti ġewwa l-qafas tal-ftehim tal-kontroll doppju ma' ċerti pajjiżi terzi, u r-Regolament preżenti ma japplikax għall-prodotti li joriġinaw f'dawk il-pajjiżi li huma bla ħsara għal din is-sistema tal-kontrolli doppji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Mill-1 ta' Jannar 2002 ir-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa ġewwa l-Komunità tal-prodotti tal-ħadid u l-azzar koperti bit-Trattati dwar il-KEFA u dwar il-KE elenkati fl-Anness I għandhom ikunu bla ħsara għas-sorveljanza Komunitarja minn qabel skond l-Artikoli 1 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 3285/94 u l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 519/94. Dan japplika għall-importazzjonijiet li joriġinaw fl-istati kollha mhux membri għajr il-pajjiżi ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), il-pajjiżi li huma partijiet fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), u t-Turkija. Il-prodotti li huma bla ħsara għall-ftehim dwar il-kontroll doppju stabbilit bejn pajjiż mhux membru u l-Komunità għandhom ikunu bla ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti b'dan il-ftehim u mhux għal dan ir-Regolament.

2. Il-klassifika tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament hija msejsa fuq in-nomenklatura Komunitarja tat-tariffi u ta' l-istatistika (minn issa 'l quddiem imsejħa n-“nomenklatura magħquda”, jew fil-għamla mqassra ta' “NM”). L-oriġini tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament għandhom ikunu sabbliti skond ir-regoli fis-seħħ fil-Komunità.

Artikolu 2

1. Ir-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità tal-prodotti riferiti fl-Artikolu 1 għandu jkun bla ħsara għall-preżentazzjoni ta' dokument tas-sorveljanza maħruġ mill-awtoritajiet rilevanti ta' Stat Membru.

2. Id-dokument tas-sorveljanza riferit fil-paragrafu 1 għandu jin-ħareġ awtomatikament mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, mingħajr ħlas u għall-kwantitajiet mitluba, fi żmien ħamest ijiem tx-xogħol mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni minn kull importatur Komunitarju, kulfejn jista' jkun stabbilit fil-Komunità. Din l-applikazzjoni għandha titqies li tkun ġiet irċevuta mill-awtorità kompetenti nazzjonali mhux iktar tard minn tliet ijiem tax-xogħol wara s-sottomissjoni, għajr jekk ippruvat xorta oħra.

3. Dokument tas-sorveljanza maħruġ minn waħda mill-awtoritajiet elenkati fl-Anness II għandu jkun validu ġewwa l-Komunità kollha.

4. Id-dokument tas-sorveljanza għandu jintgħamel fuq formola li tikkorrispondi mal-kampjun fl-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 3285/94 ⁽³⁾ dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet jew l-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru 19/94 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi. L-applikazzjoni ta' l-imporatur għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

⁽³⁾ Kif immodifikat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/96 tat-22 ta' Jannar 1997 (ĠU L 21, tas-27.7.1996, p. 7), u filwaqt li jitqiesu d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar ċerti disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dħul ta' l-euro (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p.1).

⁽¹⁾ ĠU L 229, tad-9.9.2000, p. 14.

⁽²⁾ ĠU L 224, tal-21.8.2002, p. 3.

- (a) l-isem u l-indirizz sħiħ ta' l-applikant (inklużi n-numri tat-telefon u tal-fax, u n-numru possibbli ta' l-identifikazzjoni użat mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali) u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT, jekk bla ħsara għall-VAT;
- (b) jekk japplika, l-isem u l-indirizz sħiħ tad-dikjarant jew tar-rappreżentant ta' l-applikant (inklużi n-numri tat-telefon u tal-fax);
- (c) l-isem sħiħ u l-indirizz ta' l-esportatur;
- (d) id-deskrizzjoni eżatta ta' l-oġġetti, inklużi:
 - l-isem kummerċjali tagħhom,
 - il-kodiċi/jiet tan-nomenklatura magħquda (NM),
 - il-pajjiż ta' l-orijini,
 - il-pajjiż tal-kunsinna,
- (e) il-piż nett espress f'kg, u l-kwantità ta' kull unità stabbilita fejn b'mod ieħor għajr il-piż nett, mill-intestatura tan-nomenklatura magħquda;
- (f) il-valur c.i.f. ta' l-oġġetti fl-euro fuq il-fruntiera Komunitarja mill-intestatura tan-nomenklatura magħquda;
- (g) jekk il-prodotti interessati humiex diġà użati jew ta' kwalità sub-standard ⁽¹⁾;
- (h) il-perjodu taż-żmien propost u l-posta tal-clearance tad-dwana;
- (i) jekk l-applikazzjoni hijiex repetizzjoni ta' applikazzjoni ta' qabel li tirrigwarda l-istess kuntratt;
- (j) id-dikjarazzjoni li ġejja, iddatata u ffirmata mill-applikant bit-traskrizzjoni ta' ismu fittri kbar:

"Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika illi t-tagħrif ipprovdut f'din l-applikazzjoni huwa minnu u mogħti f'bona fede, u li jiena stabbilit fil-Komunità."

L-importatur għandu jissottometti wkoll kopja tal-kuntratt tal-bejgħ jew tax-xiri fuq il-fattura *pro forma*. Jekk hekk mitlub, per eżempju fil-każijiet meta l-oġġetti ma jkunux mixtrija b'mod dirett fil-pajjiż tal-produzzjoni, l-importatur għandu jippreżenta ċertifikat tal-produzzjoni maħruġ mill-fabbrika li tipproduċi l-ażzar.

5. Id-dokumenti tas-sorveljanza jistgħu jintużaw biss għal dak iż-żmien li jibqgħu fis-seħħ l-arranġamenti għal-liberalizzazzjoni ta' l-importazzjonijiet rigward it-transazzjonijiet interessati. Min-għajr preġudizzju għall-bidliet possibbli fir-regolamenti ta' l-importazzjoni fis-seħħ jew tad-deċiżjonijiet meħuda ġewwa l-qafas ta' ftehim jew tal-ġestjoni ta' kwota:

- il-perjodu taż-żmien tal-validità tad-dokument tas-sorveljanza huwa hawnhekk iffissat għal erba' xhur,
- id-dokumenti tas-sorveljanza mhux użati jew użati b'mod parzjali jistgħu jiġu mġedda għal perjodu egwali taż-żmien.

⁽¹⁾ Skond il-kriterji mogħtija fil-ĠU C 180, tal-11.7.1991, p. 4.

6. L-importatur għandu jreġġa' lura d-dokumenti tas-sorveljanza lill-awtorità tal-ħruġ mat-tmien tal-perjodu tagħhom taż-żmien tal-validità.

7. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu s-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet jew tat-talbiet li jiġu trasmessi jew stampati bil-mezzi elettroniċi, skond il-kondizzjonijiet iffissati minnhom. Madankollu, id-dokumenti u x-xhieda kollha jridu jkunu magħmula disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti.

8. Id-dokument tas-sorveljanza jista' jinħareġ bil-mezzi elettroniċi safejn u sakemm l-uffiċċji tad-dwana involuti jkollhom aċċes għad-dokument permezz ta' network tal-kompjuters.

Artikolu 3

1. Sejba li l-prezz ta' l-unità li fih tiġi effettwata t-transazzjoni jvarja minn dak indikat fid-dokument tas-sorveljanza b'inqas minn 5 % f'kull direzzjoni jew li l-kwantità totali tal-prodotti ppreżentati għall-importazzjoni taqbeż il-kwantità mogħtija fid-dokument tas-sorveljanza b'inqas minn 5 % ma' għandhiex tipprekludi r-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti fil-kwistjoni.

2. L-applikazzjonijiet għad-dokumenti tas-sorveljanza u d-dokumenti nfushom għandhom ikunu kunfidenzjali. Għandhom ikunu ristretti għall-awtoritajiet kompetenti u għall-applikant.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni:

- (a) fuq bażi regolari u aġġornat daqskemm possibbli u għall-inqas sa l-aħħar jum ta' kull xahar, id-dettalji tal-kwantitajiet u tal-valuri (ikkalkolati fl-euro) li għalihom ikunu nħarġu d-dokumenti tas-sorveljanza;
- (b) fi żmien sitt ġimgħat mit-tmien ta' kull xahar, id-dettalji ta' l-importazzjonijiet matul dak ix-xahar, skond l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1917/2000.

It-tagħrif ipprovdut mill-Istati Membri għandu jitqassmu wieħed wieħed skond il-prodott, il-kodiċi tan-NM u skond il-pajjiż.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu notifika dwar kull anomaliya jew każijiet ta' frodi li jiskopru u, meta rilevanti, il-bażi li fuqu jkunu rrifjutaw li jikkonċedu dokument tas-sorveljanza.

Artikolu 5

Kull avviż li jrid jingħata skond dan ir-Regolament għandu jiġi mogħti lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u għandn jiġi kkomunikat b'mod elektroniku permezz tan-network integrat stabbilit għal dan l-iskop, għajr jekk raġunijiet tekniċi imperattivi jkunu jeħtieġu li jintużaw mezzi oħra tal-komunikazzjoni b'mod temporanju.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 2002.

Għall-Kummissjoni

Pascal LAMY

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

IL-LISTA TAL-PRODOTTI BLA ĦSARA GĦAS-SORVELJANZA MINN QABEL (2002)

7208 10 00	7210 11 10	7213 10 00	7216 50 99
7208 25 00	7210 12 11	7213 20 00	7216 99 10
7208 26 00	7210 12 19	7213 91 10	7225 11 00
7208 27 00	7210 20 10	7213 91 20	7225 19 10
7208 36 00	7210 30 10	7213 91 41	7225 19 90
7208 37 10	7210 41 10	7213 91 49	7225 20 20
7208 37 90	7210 49 10	7213 91 70	7225 30 00
7208 38 10	7210 50 10	7213 91 90	7225 40 20
7208 38 90	7210 61 10	7213 99 10	7225 40 50
7208 39 10	7210 69 10	7213 99 90	7225 40 80
7208 39 90			7225 50 00
7208 40 10	7210 70 31	7214 20 00	7226 11 10
7208 40 90	7210 70 39	7214 30 00	7226 11 90 (*)
7208 51 10	7210 90 31	7214 91 10	7226 19 10
7208 51 30	7210 90 33	7214 91 90	7226 19 30
7208 51 50	7210 90 38	7214 99 10	7226 19 90 (*)
7208 51 91		7214 99 31	7226 91 10
7208 51 99	7211 13 00	7214 99 39	7226 91 90
7208 52 10	7211 14 10	7214 99 50	7226 99 20
7208 52 91	7211 14 90	7214 99 61	7227 90 10
7208 52 99	7211 19 20	7214 99 69	7228 10 10
7208 53 10	7211 19 90	7214 99 80	7228 10 30
7208 53 90	7211 23 10	7214 99 90	7228 20 11
7208 54 10	7211 23 51		7228 20 19
7208 54 90	7211 23 91 (*)	7215 90 10	7228 20 30
7208 90 10	7211 23 99 (*)		7228 30 20
	7211 29 20	7216 10 00	7228 30 41
7209 15 00	7211 29 50 (*)	7216 21 00	7228 30 49
7209 16 10	7211 29 90 (*)	7216 22 00	7228 30 61
7209 16 90	7211 90 11	7216 31 11	7228 30 69
7209 17 10	7211 90 90 (*)	7216 31 19	7228 30 70
7209 17 90		7216 31 91	7228 30 89
7209 18 10	7212 10 10	7216 31 99	7228 60 10
7209 18 91	7212 10 91	7216 32 11	7228 70 10
7209 18 99	7212 20 11	7216 32 19	7228 70 31
7209 25 00	7212 30 11	7216 32 91	7228 80 10
7209 26 10	7212 40 10	7216 32 99	7228 80 90
7209 26 90	7212 40 91	7216 33 10	7301 10 00
7209 27 10	7212 50 31	7216 33 90	L-intestatura sħiħa
7209 27 90	7212 50 51	7216 40 10	tan-NM 7304 (*)
7209 28 10	7212 60 11	7216 40 90	L-intestatura sħiħa
7209 28 90	7212 60 91	7216 50 10	tan-NM 7306 (*)
7209 90 10		7216 50 91	7307 93 11 (*)
			7307 93 19 (*)
			7307 99 30 (*)
			7307 99 90 (*)

(*) Il-Prodotti koperti bit-Trattat dwar il-KE.

**LISTA DE LAS AUTORIDADES NACIONALES COMPETENTES
LISTE OVER KOMPETENTE NATIONALE MYNDIGHEDER
LISTE DER ZUSTÄNDIGEN BEHÖRDEN DER MITGLIEDSTAATEN
ΛΙΕΥΘΥΝΣΕΙΣ ΤΩΝ ΑΡΧΩΝ ΕΚΔΟΣΗΣ ΑΔΕΙΩΝ ΤΩΝ ΚΡΑΤΩΝ ΜΕΛΩΝ
LIST OF THE COMPETENT NATIONAL AUTHORITIES
LISTE DES AUTORITÉS NATIONALES COMPÉTENTES
ELENCO DELLE COMPETENTI AUTORITÀ NAZIONALI
LIJST VAN BEVOEGDE NATIONALE INSTANTIES
LISTA DAS AUTORIDADES NACIONAIS COMPETENTES
LUETTELO TOIMIVALTAISISTA KANSALLISISTA VIRANOMAISISTA
FÖRTECKNING ÖVER BEHÖRIGA NATIONELLA MYNDIGHETER**

BELGIQUE/BĒLGÏĚ

Ministère des affaires économiques
Administration des relations économiques
Services licences
Rue Général Leman 60
B-1040 Bruxelles
Fax (32-2) 230 83 22
Ministerie van Economische Zaken
Bestuur van de Economische Betrekkingsen
Dienst Vergunningen
Generaal Lemanstraat 60
B-1040 Brussel
Fax (32-2) 230 83 22

DANMARK

Erhvervsfremme Styrelsen
Søndergade 29
DK-8600 Silkeborg
Fax (45) 35 46 64 01

DEUTSCHLAND

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle
(BAFA)
Frankfurter Straße 29-35
D-65760 Eschborn I
Fax (49-61) 96 9 42 26

ΕΛΛΑΔΑ

Υπουργείο Εθνικής Οικονομίας
Γενική Γραμματεία Διεθνών Σχέσεων
Διεύθυνση Διεθνών Οικονομικών Ροών
Κορνάρου 1
GR-10563 Αθήνα
Φαξ: (301) 328 60 94

ESPAÑA

Ministerio de Economía
Dirección General de Comercio Exterior
Paseo de la Castellana 162
E-28046 Madrid
Fax (34) 915 63 18 23/913 49 38 31

FRANCE

Service des industries manufacturières
DIGITIP
12, rue Villiot - Bâtiment Le Bervil
F-75572 Paris cedex 12
Fax (33-1) 5344 91 81

IRELAND

Department of Enterprise, Trade and Employment
Import/Export Licensing, Block C
Earlsfort Centre
Hatch Street
Dublin 2
Fax (353-1) 631 28 26

ITALIA

Ministero delle Attività produttive
Direzione generale per la politica commerciale e per
la gestione del regime degli scambi Viale America 341
I-00144 Roma
Fax (39) 06 59 93 22 35/06 59 93 26 36

LUXEMBOURG

Ministère des affaires étrangères
Office des licences
BP 113
L-2011 Luxembourg
Fax (352) 46 61 38

NEDERLAND

Belastingdienst douane
Centrale dienst voor in- en uitvoer
Engelse Kamp 2
Postbus 30003
9700 RD Groningen
Nederland
Fax (31-50) 526 06 98
M.i.v. 18 januari 2002
Fax (31-50) 5232341

ÖSTERREICH

Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit
Außenwirtschaftsadministration
Landstrasser Hauptstraße 55-57
A-1030 Wien
Fax (43-1) 711 00/8386

PORTUGAL

Ministério da Economia
Direcção-Geral das Relações Económicas Internacionais
Av. da República, 79
P-1069-059 Lisboa
Fax (351) 21 793 22 10

SUOMI

Tullihallitus
PL 512
FIN-00101 Helsinki
Faksi: (358-9) 614 28 52

SVERIGE

Kommerskollegium
Box 6803
S-113 86 Stockholm
Fax (46-8) 30 67 59

UNITED KINGDOM

Department of Trade and Industry
Import Licensing Branch
Queensway House, West Precinct
Billingham, Cleveland
UK-TS23 2NF
Fax (44-1642) 533 557